# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
# (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 20 ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru: 155/2014 JPG**
**Kawza Numru: 25**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Martin Curmi (ID 559564(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpannija HSBC Bank Malta p.l.c., datat 18 ta' Frar 2014, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Tesponi bir-rispett, u l-Av. Sylvana Zammit Demicoli (ID 73884 (M)) in rapprezentanza tal-kumpannija esponenti bil-ġurament tagħha tikkonferma:*

1. *Illi in forza ta' kuntratt tat-18 ta' Ottubru 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Mangion, il-Bank attur ta faċiltajiet bankarji lill-konvenut Martin Curmi konsistenti f'self għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) ekwivalenti għal tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€58, 234.68) (Dok. A);*

2. *Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter tat-28 ta' Lulju 2006 (Dok. B) li tirrigwarda dan il-kont (Maxicredit Account Numru 18022495) u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

3. *Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€58,293.31), dovuta in kwantu għal tnejn u ħamsin elf, mija u sebgħa u ħamsin euro u disgħin ċenteżmu (€52,157.90) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti sitt elef, mija u ħamsa u tletin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€6,135.41) bħala imgħax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Lulju 2013 (Dok. C), oltre l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

4. *Illi in forza ta' kuntratt tal-14 ta' Diċembru, 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion il-Bank attur ta lill-konvenut faċiltajiet bankarji ulterjuri konsistenti f'self ieħor għas-somma ta' dsatax-il elf lira Maltija (Lm19,000) ekwivalenti għal erbgħa u erbgħin elf, mitejn u tmienja u ħamsin euro u disa' ċenteżmi (€44, 258.09) (Dok. D);*

5. *Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter datata 13 ta' Novembru 2007 (Dok. E) anki fuq dan il-kont (Maxicredit Account Numru 18040477) u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

6. *Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' sebgħa u erbgħin elf, ħames mija u disgħa u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€47,559.34), dovuta in kwantu għal wieħed u erbgħin elf, ħames mija u disgħa u sittin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€41,569.82) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti ħamest elef, disa' mija u disgħa u tmenin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€5,989.52) bħala imgħax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Lulju 2013 (Dok. F), oltre l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

7. *Illi in forza ta' kuntratt tat-22 ta' Mejju, 2008 fl-atti tal-istess Nutar Dottor Malcolm Mangion il-Bank attur ta lill-konvenut faċiltajiet bankarji konsistenti f'self ieħor għas-somma ta' tlieta u għoxrin elf u tlett mitt euro (€23,300.00) (Dok. G);*

8. *Illi l-konvenut naqas milli jagħmel il-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter tat-3 ta' April 2008 (Dok. H) anki fir-rigward ta' dan il-kont (Maxicredit Account Numru 18043993) u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilu skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta'self relattiv;*

9. *Illi fuq dan is-self il-konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, tliet mija u seba' euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€25,307.44), dovuta in kwantu għal tnejn u għoxrin elf, mija u tnejn u erbgħin euro u tmintax-il ċenteżmu (€22,142.18) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilu, u r-rimanenti tlett elef, mija u ħamsa u sittin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€3,165.26) bħala imgħax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Lulju 2013 (Dok. I), oltre l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

10. *Illi fil-5 ta' Jannar 2010, il-Bank attur ta faċilitajjiet lill-konvenut konsistenti f' overdraft facilities ai termini tas-sanction letter li ġġib l-istess data (Dok. J) li fiha din il-faċilita' hija indikata bħala 'Rescheduled Overdraft 02', u dan għas-somma ta' sebgħin elf, seba' mija u sittax-il euro (€70,716.00);*

11. *Illi fuq dan il-kont (Rescheduled Overdraft Account Numru 009-021718-340 ġja 006-133946-001) il-konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma ta' erbgħa u tmenin elf, mija u sitta u għoxrin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€84,126.31), dovuta in kwantu għal sebgħa u sittin elf, erba' mija u sitta u disgħin euro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€67,496.52) bħala bilanċ mill-kapital u r-rimanenti sittax-il elf, sitt mija u disgħa u għoxrin euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€16,629.79) bħala imgħax ikkalkulat sal-31 ta' Lulju 2013 (Dok. K), kif ukoll l-imgħax relattiv mill-1 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

12. *Illi għalhekk il-konvenut huwa debitur tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' mitejn u ħmistax-il elf, mitejn u sitta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€215,286.40), dovuta lill-istess Bank in kwantu għal mija u tlieta u tmenin elf,*

*tliet mija u sitta u sittin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€183,366.42) bħala bilanċ minn somom akbar mislufa lilu kif fuq spjegat, u r-rimanenti wieħed u tletin elf, disa' mija u dsatax-il euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€31,919.98) bħala imgħax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Lulju 2013 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax ulterjuri dovut mill-1 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

13. *Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-ammonti fuq indikati permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Ottubru 2012, hawn annessa bħala Dok. L, baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara li l-konvenut Martin Curmi huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' mitejn u ħmistax-il elf, mitejn u sitta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€215,286.40) dovuta in kwantu għal mija u tlieta u tmenin elf, tliet mija u sitta u sittin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€183,366.42) bħala bilanċ minn somom akbar mislufa lilu kif fuq spjegat, u r-rimanenti wieħed u tletin elf, disa' mija u dsatax-il euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€31,919.98) bħala imgħax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Lulju 2013;*

*(ii) tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma globali ta' mitejn u ħmistax-il elf, mitejn u sitta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€215,286.40);*

*(iii) tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital fuq imsemmi mill-1 ta' Awissu 2013;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Ottubru 2012 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti għas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, Martin Curmi baqa kontumaci, stante li la deher u l-anqas pprezenta risposta guramentata. (Vide fol 64)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Martin Curmi datata 1 ta' Dicembru 2014. (Vide fol 91)

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-intimat Martin Curmi (detentur tal-karta ta' l-identita' numru 559564M), datat 16 ta' Marzu 2015, (fol 95) a bazi tal-verbal ta' din l-Onor. Qorti datat 25 ta' Frar, 2015 (fol 93), li taqra hekk:

1. *Illi, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa inkorrett, zbaljat u eccessiv u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-imsemmi ammont imsemmi fir-rikors guramentat tas-socjeta attrici huwa zbaljat stante l-fatt illi l-intimat kien affettwa pagamenti lis-socjeta' attrici wara illi din il-kawza kienet giet intavolata, u ghalhekk l-ammont mitlub huwa skorett;*

3. *Sal eccezzjonijet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Il-PL Catherine Fenech** xehdet a fol 65 u a fol 99A *et seqq* illi l-ahhar depozitu li sar fil-kont numru 009021718340 kien fid-19 ta' Dicembru 2011, u sussegwentement kien hemm depozitu ta' €2,780.24. Fir-rigward tal-kont numru 18040477 xehdet li dan infetah fl-14 ta' Dicembru 2007 u ma sar ebda depozitu. Rigward il-kont numru 18022495 xehdet illi l-ahhar depozitu li sar f'dan il-kont kien fl-24 ta' Mejju 2011. Fir-rigward tal-kont numru 18043993

xehdet illi l-ahhar depozitu li sar kien fl-4 ta' Awwissu 2010. Ziedet li kien hemm ukoll xi depoziti ghal hlas tal-poloz ta' assikurazzjoni.

Ziedet illi r-rikorrent ghandu kontijiet ohra mal-Bank rikorrent illi ma gewx inkluzi fil-kawza ghaliex il-Bank rikorrent kien ottjena titolu esekuttiv permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in forza ta' liema l-Bank rikorrent kien intavola mandat ta' sekwestru. Kompliet illi ghad insaputa tal-Bank, l-intimat kien biegh *crane*, izda ma setghax jaghmel it-trasferiment necessarju peress illi t-Transport Malta kienet notifikata bis-sekwestru. Xehdet illi ghalhekk kien hemm qbil illi l-Bank johrog il-kontro-mandat opportun jekk l-intimat jiddepozita l-flus relattivi ghal dan il-bejgh. Ghalhekk l-intimat kien iddepozita s-somma ta' €12,000 fit-13 ta' Awissu 2014. Xehdet li filfatt dak iz-zmien l-bank u l-avukat li kien qed jippatrocinah, u cioe Dr. Anthony Stellini, kien spjegawlu li l-ahjar haga kienet li joqtol dawn il-kontijiet zghar biex jinghalqu halli ma jkompliex jakkumula l-imghax, ghaliex li kieku hallas wiehed mill-kontijiet il-kbar, il-hlas li ghamel kien imur ghall-imghax biss, u ghalhekk l-imghax fuq il-kapital kien ikompli jakkumula. Ziedet li ghalhekk huwa zgur li l-intimat kien jaf li din is-somma ta' €12,000 kienet ser tmur ghal dawk il-kontijiet u mhux ghall-kontijiet meritu ta' dawn il-proceduri. Ziedet ukoll illi wara li nqaghtu il-kontijiet iz-zghar, kien baqa' somma ta' €2,780.84 li kien nqatu' kontra l-imghax. Xehdet illi apparti dan, ma saru l-ebda pagamenti ohra nell frattemp.

**Martin Curmi** xehed permezz ta' affidavit a fol 105 *et seqq* illi huwa kien xtara kumpanija tal-bini u kostruzzjoni bl-isem RC Limited ghal prezz ta' Lm36,000, u ghal dan il-ghan kien issellef is-somma ta' Lm34,000 minghand il-Bank rikorrenti. Kompla illi l-Bank rikorrent kien ukoll ikkoncedielu kont *overdraft* ta' Lm10,000, u hu kien jaghmel pagamenti ta' Lm585 fix-xahar. Xehed illi oltre dawn, kien ha *loan* ohra ta' Lm10,000 u ohra ta' Lm19,000. Qal illi kien hemm punt fejn il-Bank rikorrenti kien offrielu li l-*overdraft* jizdied minn Lm10,000 ghal Lm30,000 peress li n-negozju kien sejjer tajjeb.

Spjega li dawn il-*loans* kienu jithallsu permezz ta' *direct debit* u kien ta permess lil Manager Noel Cassar sabiex jigbed il-flus biex jithallsu l-*loans*. Zied illi hu ma kienx izomm rendikont tal-hlasijiet li kien jaghmel peress li kien jafda lil bank.

Xehed illi f'Lulju 2009 kien cempel lil Cassar sabiex ikellmu peress li kellu bicca xoghol kbira, u dakinhar Cassar kien informah li kien hemm mandat kontra tieghu u li ghalhekk ma jista' jaghmel xejn. Xehed illi peress li kien inkwetat li minhabba dan il-mandat ma jkunx jista' jkompli jhallas il-*loans*, kien ftehim ma' Cassar illi jcempillu hekk kif jiddepozita l-

flus, sabiex dawn il-flus jingibdu mill-ewwel u jintuzaw sabiex jinqatghu il-*loans.* Qal illi filfatt gieli ddepozita €2,000, €4,000 u anke €8,000 u xi drabi kien jiddepozita ammont izghar ta' €1,000 u €500.

Qal illi fl-2013 kienet taghtu puplesija u ghalhekk ma setghax ikompli jahdem aktar. Spjega li ghalhekk kien spicca jghix fuq il-beneficcju socjali u kien jaghmel biss pagamenti zghar. Qal illi llum il-gurnata sar jaf ukoll illi l-partner tieghu Susan, illum martu, kien taghmel pagamenti ta' €100. Zied li ghalkemm m'ghandux stampa cara ta kemm baqalu jaghti lil Bank, huwa cert li l-ammont mitlub mill-bank m'huwiex dovut kollu.

**Noel Cassar** xehed a fol 446 *et seqq* u a fol 566 *et seqq* illi hu kien Relationship Manager fir-rigward tal-relazzjoni bankarja tal-intimat mal-Bank rikorrent. Spjega illi l-pagamenti tal-*loan* kienu jittiehdu mill-*overdraft,* u l-procedura kienet illi r-rikorrent jaghmel depozitu f'dan il-kont imbaghad l-pagamenti ghall-*loans* jittiehdu mill-kont tal-*overdraft.* Xehed li fil-bidu l-intimat kien jaghmel pagamenti regolari, kien jonora l-pagamenti u l-*overdraft* kien ihaddmu tajjeb. Kompla illi pero bejn l-2006 -2007 l-intimat beda jaqa' lura fil-pagamenti, u ghalhekk il-file tal-intimat kien ghadda minn idejn ix-xhud ghar-Recoveries Department.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi din il-kawza tikkoncerna l-kontijiet segwenti:

1. Maxicredit Account numru 18022495
2. Maxicredit Account numru 18040477
3. Maxicredit Account numru 18043993
4. Rescheduled Overdraft Account numru 009-021718-340 gja 006-133946-001

Il-Qorti tirrimarka illi numru mid-dokumenti ezebiti mill-intimat m'humiex legibbli, filwaqt illi hemm numru iehor illi bilkemm huma legibbli. Il-Qorti tirrileva illi gialadarba huwa l-oneru tal-intimat illi jipprova li jkun verament sehh il-hlas allegat minnu, logikament isegwi li jinkombi fuq l-intimata li jara illi d-dokumentazzjoni esebita minnu tkun legibbli.

Wara li rat id-dokumenti prodotti mill-Bank rikorrenti, u dawk prodotti mill-intimat (sa fejn huma legibbli), il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-intimat m'hijiex misthoqqa. Rigward is-somma ta' €12,000 li thallset fil-mori ta' din il-kawza, il-Qorti rat illi s-somma ta' €6,718.88 giet iddepozitata fil-kont numru 006-133946 fit-13 ta' Awissu 2014 (Fol 340) filwaqt illi s-

somma ta' €2,500.88 giet iddepozitat fil-kont numru 009-021718-341 fit-13 ta; Awwissu 2014. Il-Qorti rat illi dawn l-ammonti u l-kontijiet jikkombacaw ma' dawk relattivi ghall-ittra ufficjali mibughta a tenur tal-Artikolu 166A tal-31 ta' Jannar 2011, li kienet giet innotifikata lill-intimat fl-24 ta' Marzu 2011 (Vide Fol 101).

Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-intimat relattiva ghar-rata ta' imghax in eccess ta' 8% imposta mill-Bank rikorrenti, il-Qorti taghmel referenza ghar-regolament numru 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 (Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta' Mghax

> "*Minkejja kull ħaġa oħra li tinsab f'kull liġi oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2 jistgħu jistabbilixxu r-rata ta' mgħax li għandha titħallas fuq depożiti miżmumin minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mgħax li dawn jistgħu jitolbu li jitħallsu fuq self, avvanzi u kull faċilità ta' kreditu oħra kif ukoll fil-ħruġ ta' debentures jew ta' debenture stock jew strumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxustat ta' debitu.*"

Jirrizulta ghalhekk illi tali imposizzjoni hija permessa mill-ligi, u ghalhekk ma tistghax tigi ccensurata.[1]

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti u konsegwentement:**

**(i) tiddikjara li l-intimat Martin Curmi huwa debitur fil-konfront tal-Bank rikorrenti fis-somma globali ta' mitejn u ħmistax-il elf, mitejn u sitta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€215,286.40) dovuta in kwantu għal mija u tlieta u tmenin elf, tliet mija u sitta u sittin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€183,366.42) bħala bilanċ minn somom akbar mislufa, u r-rimanenti wieħed u tletin elf, disa' mija u dsatax-il euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€31,919.98) bħala imgħax ikkalkulat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena sal-31 ta' Lulju 2013;**

[1] Vide **Banif Bank (Malta) plc vs Francis u Loraine (konjugi) Saliba,** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, deciza 12 ta' April 2013, **Bank of Valletta plc vs Joseph u Antoinette konjugi Cutajar,** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, deciza 4 ta' Ottubru 2013, **Banif Bank plc vs Duncan Bonnici,** Tribunal Ghal Talbiet Zghar, deciza 1 ta' Novembu 2013.

**(ii) tikkundanna lill-istess intimat iħallas lill-Bank rikorrenti l-imsemmija somma globali ta' mitejn u ħmistax-il elf, mitejn u sitta u tmenin euro u erbgħin ċenteżmu (€215,286.40);**

**(iii) tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imgħax ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-kapital, u cioe fuq is-somma ta' mija u tlieta u tmenin elf, tliet mija u sitta u sittin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€183,366.42) dekoribbli mill-1 ta' Awissu 2013 sad-data tal-pagament effettiv.;**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**